

Sa fejn vetturi mhux irreġistrati li l-istearing tagħhom ikun jinsab fuq il-lemin jinstawwru fil-Polonja mingħajr limitazzjoni, il-projbizzjoni ta' reġistrazzjoni tagħhom ma hijiex miżura xierqa u ċertament ma hijiex proporzjonata sabiex jinstawwru l-għan iddikjarat.

Fil-fatt, huwa bl-użu fit-tul ta' tali vetturi f'toroq fejn it-traffiku jsuq fuq il-lemin li tista' tinkiseb ċerta kunfidenza fis-sewqan u dan l-użu, mill-perspettiva tas-sigurtà fit-toroq, ma jikkostitwixxix theddida ikbar mill-moviment okkażjonali/temporanju ta' tali vettura. Barra minn hekk, hemm miżuri oħra inqas restrittivi li huma disponibbli, bħal pereżempju l-installazzjoni ta' mirja addizzjonali, li jiffaċilitaw il-qbiż minn vetturi bi steering fuq il-lemin fi traffiku li jsuq fuq il-lemin.

- (1) Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE, tat-8 ta' Ġunju 1970, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni ta'vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 1, p. 90).
- (2) Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, p. 1).
- (3) Artikolu 9(2) tad-Digriet tal-31 ta' Diċembru 2012; Paragrafu 5.1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Ministru tal-Infrastruttura tas-16 ta' Diċembru 2003; Paragrafu 6.1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Ministru tal-Infrastruttura tat-18 ta' Settembru 2009, li jissostitwixxi u jħassar ir-Regolament tas-16 ta' Diċembru 2003.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden fid-19 ta' Diċembru 2011 — Staatssecretaris van Financiën vs X BV

(Kawża C-651/11)

(2012/C 73/30)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staatssecretaris van Financiën

Konvenuta: X BV

Domandi preliminari

- (1) Iċ-ċessjoni ta' 30 % tal-azzjonijiet ta' kumpannija, li dak li jagħmel it-trasferiment ta' dawn l-azzjonijiet jipprovdiha servizzi suġġetti għall-VAT, hija komparabbli mat-trasferiment ta' totalità (parzjali) ta' assi fis-sens tal-Artikolu 5(8) tas-Sitt Direttiva u/jew fis-sens tal-Artikolu 6(5) tal-istess direttiva (1)?

- (2) Jekk għandha tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda, iċ-ċessjoni inkwistjoni f'din id-domanda hija komparabbli mat-trasferiment ta' totalità (parzjali) ta' assi, fis-sens tal-Artikolu 5(8) tas-Sitt Direttiva u/jew ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 6(5) tal-istess direttiva, jekk l-azzjonisti l-oħrajn, li jipprovdu wkoll servizzi suġġetti għall-VAT lill-kumpannija li l-azzjonijiet tagħhom ġew ittrasferiti, jitransferixxu l-kumpliment tal-azzjonijiet ta' din il-kumpannija lill-istess persuna (kważi) fl-istess ħin?

- (3) Jekk għandha tingħata risposta negattiva wkoll għat-tieni domanda, iċ-ċessjoni msemmija fid-domanda 1 tista' għaldaqstant titqies bħala t-trasferiment (parzjali) ta' impraża fis-sens tal-Artikoli 5(8) u 6(5) tas-Sitt Direttiva, fid-dawl tal-fatt li dan it-trasferiment huwa marbut mill-qrib mal-attivajiet ta' ġestjoni mwettqa għal din il-parteċipazzjoni?

- (1) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Cassatie van België (Il-Belġju) fil-21 ta' Diċembru 2011 — Belgian Electronic Sorting Technology NV vs Bert Peelaers u Visys NV

(Kawża C-657/11)

(2012/C 73/31)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van Cassatie van België

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Belgian Electronic Sorting Technology NV

Konvenuti: Bert Peelaers u Visys NV

Domandi preliminari

Il-kunċett ta' "reklamar" li jidher fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE (1), tal-10 ta' Settembru 1984, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi u fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/114/KE (2) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar reklamar qarrieqi u komparattiv, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi, minn naħa, ir-reġistrazzjoni u l-użu ta' isem tad-domain (domain name) u min-naħa l-oħra, l-użu ta' metaidentifikaturi ("metatags") fil-metadejta ta' websajt?

(1) ĠU L 250, p. 17

(2) ĠU L 376, p. 21